# 50 SENA MILL-EWWEL ĠEBLA TAL-KNISJA L-ĠDIDA



Il-ħolma tal-Ġiljaniżi li jkollhom knisja ġdida bdiet isseħħ fid-9 ta' Lulju 1961 meta l-Arċisqof Mikiel Gonzi kien poġġa l-ewwel ġebla tagħha. Kienet data li wriet li fl-aħħar dak li kien imwiegħed għalihom minn tliet kappillani li kienu qabel il-Kappillan Dun Guido Calleja, kienet waslet biex tibda tkun imwettqa.

L-ewwel ħsieb ta' bini ta' knisja akbar kien dak tal-Kappillan Dun Amabile Bonanno li kien miet f'Novembru 1942. Warajh kien laħaq il-Kappillan Dun Anton Debono li dam fostna bejn l-1943 u l-1952, meta sar Arċipriet tal-Furjana. Fl-1953 kien sar Kappilan Dun Filip Grech, li iżda kien għamel biss 1956 wara li kien daħal patri Sależjan. Imbagħad ġie l-Kappillan Calleja, meta ħa l-pussess fl-istess sena u dam sal-1966. Fl-ewwel ftit ġimgħat li kien ilu hawn, kien wera l-ħsieb li jibni knisja ġdida. Il-parruċċani kienu ilhom jisimgħu dil-wegħda, u ma tantx ħaduh bis-sejeta'.

Ta' min wieħed jgħid li l-kappillan Debono kien akkwista l-art fil-għalqa tar-Rocyvale, fejn illum hemm il-parkeġġ ta' quddiem is-supermarket Scotts. Kien sar attentat billi tħaffru tliet ħofriet kbar ta' xi tliet metri kwadri biex jaraw jekk kienx hemm blat, iżda wara li niżlu ftit anqas minn żewġ metri kien tfaċċa l-ilma baħar, qatgħu qalbhom, u ntradmu mill-ġdid.

Għalhekk, il-Kappillan Calleja kien tefa' għajnejh għall-għalqa ta' fuq ir-Rockyvale li fiha kien jgħix Salvu Agius (magħruf bħala Salvu tal-Landi) mal-familja tiegħu. Ħdejh kien hemm tgħix Grezz Manicolo, eżatt fejn illum hemm dik is-siġra tat-tin. Għall-kappilan kienet daqsxejn ta' problema għaliex kemm Salvu u anki Grezz ma ridux jiċċaqilqu minn hemm.

L-art kienet tas-Sinjura Galea li toqgħod Howard Street, Tas-Sliema, u meta l-kappillan kien qalilha li xtaq jixtriha sabiex itella' knisja, hi ħadet pjaċir u fl-1 ta' Mejju 1957 kien sar il-kuntratt tal-art quddiem in-Nutar Maurice Gambin, li kien għadu kif ġie joqgħod San Ġiljan u żżewweġ ftit wara. L-art kienet inxtrat 2,000 lira Maltija u mal-kuntratt kien ingħata 1,000, u sa sitt xhur wara kellu jingħata t-tieni 1,000.

Sakemm Salvu Agius u Grezz Manicolo telqu minn hemm għadda ż-żmien u mbagħad kien beda x-xogħol volontarju ta' qtugħ ta' siġar u anki tħammil ta' ħamrija, sakemm fid-9 ta' Lulju 1961 tpoġġiet l-ewwel ġebla. Meta l-parruċċani bdew jaraw il-bidu tax-xogħol, bdew jikkontribwixxu aktar, u għal kull attività li kienet tinħoloq minn kumitat organizzattiv, ħafna kienu jattendu.

L-aktar popolari kienu l-fieri li dejjem saru fil-pjazza tal-Balluta. Fiha kont issib, minbarra r-rutella tas-sold xelin, tjur bħal tiġieġ, sriedak, fniek u papri, li kollha kienu jinġabru mingħand il-familji Ġiljaniżi.

Saħansitra, anki partita football kienet saret bejn tfal tal-Kulleġġ tas-Sależjani ta' Pedara qrib Katanja u tfal Maltin. F'dan il-kulleġġ kien hemm l-ex-kappillan Dun Filip Grech, li mill-ewwel kien offra kull għajnuna. B'kollox l-ispiża tal-bini kien stmat li jlaħħaq l-10,000 lira Maltin, li għal 50 sena ilu kienet balla kbira. L-imgħallem tal-bennejja kien Ġużeppi Debono (il-Bonu) li kien jgħix Tal-Minsija, li meta wasal il-waqt kien bagħat lil ħuh Pawlu bħala bennej flimkien ta' erba' ħaddiema oħra.

Wieħed irid jiftakar li ma kienx hawn il-krejnijiet tal-lum, u kull ġebla, sa fuq tat-torri tal-kampnar, telgħet fuq l-ispalla. Anke l-konkos, kien jingħata b'makna żgħira, mhux bħal-lum jiġi lest bil-bajli.

## MERĦBA KBIRA LILL-ARĊISQOF GONZI

Il-ħadd 9 ta' Lulju 1961 kien wasal, u minn filgħodu bdiet tirrenja atmosfera ta' festa. Il-bajja ġiet imżejna bil-bnadar max-xatt kollu. Il-gallariji tal-inħawi kienu mżejnin ukoll, u kull min kellu arblu tal-festa fuq il-bejt, kienu kollha bil-bnadar tal-Papa u ta' San Ġiljan iperpru fuqhom.



Sa minn kmieni wara nofsinhar, Triq Grenfell (illum Triq George Borg Olivier), kienet diġà miżgħuda bin-nies sabiex ikollhom post tajjeb ħalli jaraw il-wasla tal-Arċisqof Gonzi li ġie bil-lanċa Bu tal-Kaptan Bapsie Podesta. Kienet imżejna bil-bandieri u mdawwra b'ħafna nġenji oħra tal-baħar. Kulħadd infexx f'ċapċip u għajjat ta' "Viva l-Arċisqof" u "Viva San Ġiljan"
Peress li l-lanċa ma setgħetx tpixka fil-baxx, l-Arċisqof tela' fuq il-lanċa tas-sajd ta' Ġanni Cuschieri u twassal sal-art minn fuqha.

## *fl-1 ta' Mejju 1957 kien sar il-kuntratt tal-art quddiem in-Nutar Maurice Gambin*

Hu għadda mit-taraġ ta' Triq San Ġużepp fost iċ-ċapċip u l-kant tat-tfal li kienu jistennewh. Kif wasal quddiem il-Palazz Spinola, kien hemm tistennieh il-karozzella ta' Johnny Cassar, li miġbuda bil-ħbula waslitu fuq il-post tat-tberik.



Kienet biċċa xogħol iebsa u ħadet ħafna ħin sakemm wasal, minħabba r-rassa tan-nies li kollha xtaqu jieħdu b'idejn l-Arċisqof. Kif wasal fil-pjazza, minn wara l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu' ntelqu mijiet ta' ħamiem fost il-kant ta' kulħadd. Kienet dimostrazzjoni spontanja kbira għall-Arċisqof. Dak iż-żmien kienet fl-eqqel tagħha il-kwistjoni reliġjuża-politika f'pajjiżna.

Folla oħra kbira kienet qed tistenna fil-post tat-tberik, u l-Arċisqof tela' fuq il-post imħejji ħalih, fejn kien hemm jistennewh



il-Monsinjuri Rafel Capurro u Ġużeppi Sapiano biex jgħinuh. Iċ-ċerimonier kien Dun Karm Bonavia, waqt li l-parrinijiet kienu s-Sur Pawl Busuttil u s-Sur Joe Gasan.

Qabel ma' tniżżlet f'postha l-ġebla, tpoġġew żewġ medalji li bagħat il-Papa Ġwanni XXIII. Waħda bil-wiċċ tiegħu u fuq in-naħa l-oħra bil-wiċċ tal-Papa San Piju X. Il-medalja l-oħra kienet ta' San Ġwann Bosco u l-Madonna Awżiljatriċi.

Ma' dawn tpoġġiet medalja oħra tar-Reġina Elizabbetta II u ġo stoċċ tar-ramm tqegħdet

skrizzjoni bil-latin li tgħid l-istorja tal-knisja l-ġdida. Fiha ssemmew l-ismijiet tal-kappillani Bonanno, Debono, Grech u ta' Calleja, li kollha xtaqu li tinbena l-knisja.

Fl-aħħar wasal il-mument mistenni mill-Ġiljaniżi meta bil-mod il-mod il-ġebla bdiet titqiegħed f'postha fost iċ-ċapċip, il-kant u t-tfaqqigħ tal-musketterija minn kull naħa. Sar diskors tal-okkażjoni mill-kappillan Dun Guido Calleja, fejn irringrazzja lill-Papa, lill-Arċisqof u lill-poplu kollu għall-għajnuna li dejjem taw.

Dil-ġebla llum tistgħu tarawha fix-xellug ta' qiegħ l-arkata li hemm fuq l-artal u fiha hemm imnaqqax salib ħalli tingħaraf.

***John Agius***

